# L-ARTIKOLU 80

*REVOKA TA' PERMESSI*



Robert Musumeci



# **Bijo**grafija

Dr Robert Musumeci kiseb PhD fil-liġi mill-Universita ta' Malta wara li, fl-2016, huwa rebaħ il-'*Best Doctor of Laws Thesis Award 2016*' għall- publikazzjoni '*The Development Planning Act 2016 - A critical Appraisal*'. Dr Musumeci kiseb ukoll *Master of Science in Conservation Technology for Masonry Buildings* lura fl-2004 mill- istess Universita' ta' Malta wara li ggradwa bħala perit fis-sena 1997. Dr Musumeci serva bħala ċermen tal-Kunsill Konsultattiv dwar l-Industrija tal- Bini (*BICC*) bejn is-snin 1998 u 2008. Eventwalment huwa serva bħala konsulent tal-gvern Malti fejn kien strumentali fir-riformi wara d-*demerger* tal- Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l- Ippjanar, it-twaqqif ta' l- Awtorita' ta' l- Artijiet, l-emendi kostituzzjonali li jippermettu siġġijiet addizzjonali għas-sess sotto-rappreżentat l-introduzzjoni ta' liġi ġdida li tirregola l-aġenti tal-proprjeta' immobli kif ukoll il-liġi li waqqfet l-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni. Dr Musumeci huwa l-awtur tal-ktieb '*Selected Principles of Maltese Planning Law.*' (Kite 2021) Dr Musumeci huwa *senior lecturer* fi ħdan il-Fakulta' tal-Liġi fl-Universita' ta' Malta u jgħallem il-liġi tal-ippjanar u l-liġi amministrattiva. Dr Musumeci huwa l-ewwel detentur ta' *warrant* biex jipparattika bħala avukat u *warrant* biex jipprattika bħala perit.

L-**Artikolu 80** tal-**Kap 552** jgħid hekk:

*'(1) Il-Bord tal-Ippjanar jista' biss -*

*(a) fil-każijiet ta' frodi; jew*

*(b) meta jkun hemm is-sottomissjoni ta' xi informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta li hija inkorretta jew li ma tirriflettix is-sitwazzjoni fuq is-sit; jew*

*(c) fejn hemm żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument; jew*

*(d) fejn is-sigurtà pubblika hija konċernata, b'deċiżjoni jirrevoka jew jibdel kull permess għall-iżvilupp mogħti taħt dan l-Att, inkluża kull awtorizzazzjoni maħruġa mill-Bord tal-Ippjanar skont xi Ordni, filwaqt li fid-deċiżjoni jagħti r-raġunijiet tiegħu u jrid jindika b'mod ċar il-bażi legali tar-revoka għal dik id-deċiżjoni;*

*Hekk kif issir talba minn kwalunkwe persuna biex tirrevokajew tibdel permess skont dan l-Att, jew minn jeddu, iċ-Chairperson Eżekuttiv għandu jipprepara r-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Bord tal-Ippjanar dwar jekk il-permess għall-iżvilupp għandux jiġi revokatjew mibdul u għandu jistieden kemm lill-applikant u lill-persuna li għamlet it-talba, jekk ikun hemm, biex jagħmlu sottomissjonijiet bil-miktub.*

*Il-Bord tal-Ippjanar għandu jikkomunika d-data u l-ħin tas-seduta tiegħu lill-applikant u lill-persuna interessata li qed tagħmel t-talba taħt dan l-artikolu, jekk ikun hemm. Waqt is-seduta l-Bord tal-Ippjanar għandu jisma' wkoll is-sottomissjonijiet ta' tali applikant, jekk dan tal-aħħar jagħżel li jattendi, is-sottomissjonijiet tal-persuna interessata, jekk ikun hemm, u s-sottomissjonijiet ta' kwalunkwepersuna oħra:*

*Iżda ċ-Chairperson Eżekuttiv jista' fir-rigward ta' kull permess għall-iżvilupp, inkluż kull awtorizzazzjoni maħruġa taħt xi Ordni wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, jibda proċeduri sabiex jirrevoka jew jimmodifika dak il-permess għall-iżvilupp, inkluż kull awtorizzazzjoni maħruġa mill-Bord tal-Ippjanar taħt xi Ordni, fi żmien ħames snin mid-data tal-ħruġ tal-permess għall-iżvilupp, inkluż xi awtorizzazzjoni maħruġa taħt xi Ordni.*

*(2) Għall-fini tas-subartikolu (1):*

*"frodi" tfisser is-sottomissjoni lill-Bord tal-Ippjanar ta' xi informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta li abbażi tagħha l-Bord tal-Ippjanar ikun approva permess għall-iżvilupp, meta dik l-informazzjoni, dikjarazzjoni*

*jew pjanta hija falza;*

*"informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta inkorretta" tfisser is-sottomissjoni lill-Bord tal-Ippjanar ta' xi informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta li abbażi tagħha l-Bord tal-Ippjanar ikun approva permess għall-iżvilupp, fejn tali informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta ma tirriflettix is-sitwazzjoni fuq is-sit jew hija erronja jew żbaljata;*

*"żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument" tfisser żball magħmul mill-Bord tal-Ippjanar huwa u jilħaq deċiżjoni u tali żball jidher mid-dokumenti tal-proċedimenti tiegħu:*

*Iżda l-Bord tal-Ippjanar m'għandux jirrevoka jew ibiddel permess għall-iżvilupp fuq il-bażi ta' frodi jew informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta inkorretta jew żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument, fejn tali ċirkostanza ma kellha l-ebda inċidenza materjali fuq il-ħruġ tal-permess għall-iżvilupp b'tali mod illi kieku l-informazzjoni korretta kienet disponibbli fil-mument tad-deċiżjoni, ir-riżultat ma kienx ikun differenti.*

*(3) L-applikant, jew il-persuna interessata li qed tagħmel talba taħt dan l-artikolu, jekk iħossu aggravat mid-deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Ippjanar, għandu d-dritt li jappella d-deċiżjoni tal-Bord tal-Ippjanar quddiem it-Tribunal fi żmien tletin ġurnata mid-data tas-seduta meta d-deċiżjoni tkun ittieħdet.*

*(4) Ma għandu jintalab l-ebda kumpens mill-Awtorità meta hija taġixxi skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) fejn ir-raġunigħar-revoka jew għat-tibdil tal-permess għall-iżvilupp tkun ibbażatafuq frodi, informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta inkorretta jew żball, f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument jew fuq konsiderazzjonijiet ta' sigurtà pubblika.'*

Dan id-dispost qed jgħidilna li permess ta' żvilupp jiġi revokat anke wara li jkun għadda in ġudikat.

Tajjeb, pero', li, qabel xejn niffokaw, fuq dik il-parti ta' l-**Artikolu 80** tal-**Kap 552** li tghid hekk:

*'(1) Il-Bord tal-Ippjanar jista' biss –*

*(a) fil-każijiet ta' frodi; jew*

*(b) meta jkun hemm is-sottomissjoni ta' xi informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta li hija inkorretta jew li ma tirriflettix is-sitwazzjoni fuq is-sit; jew*

*(ċ) fejn hemm żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument; jew*

*(d) fejn is-sigurtà pubblika hija konċernata*

*…b'deċiżjoni jirrevoka jew jibdel kull permess għall-iżvilupp mogħti taħt dan l-Att, inkluża kull awtorizzazzjoni maħruġa mill-Bord tal-Ippjanar skont xi Ordni, filwaqt li fid-deċiżjoni jagħti r-raġunijiet tiegħu u jrid jindika b'mod ċar il-bażi legali tar-revoka għal dik id-deċiżjoni.'*

Hawn qed naraw li permess ta' żvilupp jista' jiġi revokat jew mibdul f'ċirkostanzi speċifiċi, ossija meta wara li jinstab li jkun hemm *"frodi", "informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta inkorretta", "żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument*" u "*fejn is-sigurtà pubblika hija konċernata*."

L-istess **Artikolu 80** imbagħad jgħaddi biex jagħti definizzjoni ta' *"frodi", "informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta inkorretta*" u "*żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument*" bil-mod kif isegwi:

*'"frodi" tfisser is-sottomissjoni lill-Bord tal-Ippjanar ta' xi informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta li tagħha l-Bord tal- Ippjanar ikun approva permess għall-iżvilupp, meta dik l-informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta hija falza;*

*"informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta inkorretta" tfisser is-sottomissjoni lill-Bord tal-Ippjanar ta' xi informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta li abbażi tagħha l-Bord tal-Ippjanar ikun approva permess għall-iżvilupp, fejn tali informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta ma tirriflettix is-sitwazzjoni fuq is-sit jew hija erronja jew żbaljata;*

*"żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument" tfisser żball magħmul mill-Bord tal-Ippjanar huwa u jilħaq deċiżjoni u tali żball jidher mid-dokumenti tal-proċedimenti tiegħu.'*

Issa ser nitratta il-kriterji msemmija, *cioe' "frodi", "informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta inkorretta" u "żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument*" b'mod individwali.

**"FRODI"**

Normalment, almenu fil-kors ordinarju, il-"*frodi*" jirrikjedi l-impostura li tikkonstrinġi lil dak li jkun li jemmen, li tneħħi kull suspett u li tipparilizza d-diliġenza tal-iffrodat u tissorprendilu l-*buona fede* tiegħu.

*Detto cio,* il-kelma *"frodi"* fil-kuntest ta' l-**Artikolu 80** tfisser *'is-sottomissjoni lill-Bord tal-Ippjanar ta' xi informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta li tagħha l-Bord tal-Ippjanar ikun approva permess għall-iżvilupp, meta dik l-informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta hija falza'*.

Jidher għalhekk li, biex jintqal li permess huwa mtappan bi "*frodi*", huwa biżżejjed li permess ikun imsejjes fuq informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta li hija 'falza' – *punto e basta!*

Issa, sabiex oġġett jitqies bħala 'falz', għandu jkun paċifiku li oġġett falz huwa dak li juri bħala veru dak li mhux veru.

Jekk, għall-mument, wieħed jislef mil-liġi kriminali, isib li hemm żewġ tipi ta' falsitajiet - il-falz materjali u l-falz idejoloġiku.

Fil-każ tal-falz materjali, id-dokument jiġi ffalsifikat fl-essenza tiegħu u ma jibqax ġenwin (dan meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur rejali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tiegħu) mentri fil-falz ideoloġiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u *cioe'* fil-kontenut idejali tiegħu (dan meta *si tratta* ta' dokument ġenwin li jikkontjeni espożizzjoni ta' fatti mhux veri). *Kwindi,* il-falz ideoloġiku ikopri l-iskorrettezzi fl-informazzjoni, dikjarazzjonijiet u, jew pjanti, riżultat ta' negliġenza, *cioe'* nuqqas tal-eżerċizzju ta' dik il-kura u diliġenza raġonevoli li l-liġi tirrikjedi minn persuna ta' prudenza.

Il-fatt, pero, jibqa' li mill-mod kif l-**Artikolu 80** huwa miktub, ma jidhirx li hemm ħtiega li jiġi pruvat li kien hemm ingann, fis-sens ta' xi att premeditat tal-applikant biex jipprovdi informazzjoni żbaljata jew qarrieqa biex jinduċi lill-Awtorita' toħroġ il-permess.

**"INFORMAZZJONI, DIKJARAZZJONI JEW PJANTA INKORRETTA"**

Il-kliem "*informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta inkorretta*" fil-kuntest ta' l-**Artikolu 80** ifissru s-sottomissjoni lill-Bord tal-Ippjanar ta' xi informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta li abbażi tagħha l-Bord tal-Ippjanar ikun approva permess għall-iżvilupp, fejn tali informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta ma tirriflettix is-sitwazzjoni fuq is-sit jew hija erronja jew żbaljata. Din id-definizzjoni tneħħi kull dubju li permess jista' jiġi revokat fil-mument li jiġi pruvat li ġiet provduta informazzjoni żbaljata, irrispettivament mill-*mens rea*.

**"ŻBALL F'DOKUMENT LI JIDHER MINN EŻAMI TAL-ISTESS DOKUMENT"**

Jibda biex jiġi puntwalizzat li fil-**Kap 504** (li jien jippreċedi l-**Kap 552**), "*żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument*" kien definit bħala *"żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument li ikun qed jikser il-liġi." Ergo,* fil-liġi preċedenti, "*żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument*" kien limitat għal żball li jikser il-liġi u mhux żball ta' kwalsijasi fatt. Meta l-**Artikolu 77** kien għadu *in vigore* u l-Qorti kellha, per eżempju, prova li s- *site notice* fil-bidu tal-proċess kienet imwaħħla ħażin[1], allura kontra d-diżpożizzjonijiet ta' l-**Artikolu 32(4)** tal-**Kap 504**[2], il-Qorti sabet li kien jeżisti dokument (ritratt tal-avviż) li jindika li hemm żball meta wieħed iħares lejn l-istess dokument (*stante* li dan ir-ritratt kien juri l-avviż

[1] Ara sentenza fl-ismijiet **Emmanuel Busuttil Dougall (bil-karta tal-identita` numru 848754M) vs L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l- Ippjanar** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Frar, 2011 (**Ap3/2010**)

[2] jirrikjedi li l-Avviż tal-applikazzjoni, minbarra li jiġi ppublikat, għandu jitwaħħal fuq is-sit u dan għar-responsabilita' ta' l-Awtorita', b'dan li *"l-applikant għandu jkun responsabbli li jiżgura li l-avviż jibqa' mwaħħal għal perjodu ta' għoxrin jum mid-data li l-avviż jiġi hekk imwaħħal…"*.

imwaħħal fuq sit ieħor) u liema żball kien jikser il-liġi (*stante* li skont l-**Artikolu 32(4)** tali avviż kellu jitwaħħal fuq is-sit u mhux fuq sit differenti). B'hekk, il-Qorti kienet tal-fehma li l-permess kellu jiġi revokat.

Illum is-sitwazzjoni hi kemm xejn differenti għaliex l-**Artikolu 80** irid "*żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument*" ikun ifisser "*żball magħmul mill-Bord tal-Ippjanar huwa u jilħaq deċiżjoni u tali żball jidher mid-dokumenti tal-proċedimenti tiegħu.*"

*Ergo,* illum, "*żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument*" irid bilfors ikun żball magħmul mill-Bord ta' l-Ippjanar u jrid ikun konness mal-proċess tad-deċiżjoni, *ergo* żball li jkun seħħ wara l-ħruġ tad-*DPAr*.

It-tieni ħaġa hi li l-iżball jista' jassumi kwalunkwe sura, u mhux bħal fil-każ ta' l-**Artikolu 70**, irid ikun  neċessarjament punt ta'liġi.

Fl-aħħar lok, pero', u hawn ma nbidel xejn minn dak li kien jinsab ritenut fl-**Artkolu 70,** l-iżball irid '*jidher minn eżami tal-istess dokument', ergo* irid ikun jeżisti dokument li kellu quddiemu l-Bord, l-iżball irid ikun manifest u, allura, faċilment tinduna bih meta tħares lejn id-dokumenti tal-proċedimet tal-Bord. Tali żball irid ikun għalhekk suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tiegħu tkun eskluża għal kollox jew fuq is-suppożizzjoni li l-fatt ma jeżistix. *Kwindi*, l-iżball irid ikun żball materjali ta' fatt u mhux żball ta' kriterju jew t'interpretazzjoni.

**IL-FRODI, L-INFORMAZZJONI/DIKJARAZZJONI/PJANTA ŻBALJATA JEW L-IŻBALL FID-DOKUMENT IRIDU JKUNU DETERMINANTI GĦALL-ĦRUĠ TAL-PERMESS**

Ser niffoka issa fuq il-parti ta' l-**Artikolu 80** li tgħid dan:

> *'Iżda l-Bord tal-Ippjanar m'għandux jirrevoka jew ibiddel permess għall-iżvilupp fuq il-bażi ta' frodi jew informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta inkorretta jew żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument, fejn tali ċirkostanza ma kellha l-ebda inċidenza materjali*

> *fuq il-ħruġ tal-permess għall-iżvilupp b'tali mod illi kieku l-informazzjoni korretta kienet disponibbli fil-mument tad-deċiżjoni, ir-riżultat ma kienx ikun differenti.'*

*Ergo,* iċ-ċirkostanzi li jwasslu għar-revoka iridu jkunu tali li mingħajrhom il-permess ma kienx joħroġ. *Kwindi,* ir-revoka ta' permess tista' tirnexxi biss jekk id-deċiżjoni, għalkemm vizzjata b'xi wieħed mit-tlett kriterji msemmija, ma tkunx tista' tiġi sorretta b'raġunijiet oħra indipendenti minn dik żbaljata. Il-konsegwenza ta' dan kollu hi li l-frodi jew informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta nkorretta jew żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument irid ikollu inċidenza materjali fuq il-ħruġ tal-permess b'tali mod illi kieku l-ħaġa korretta kienet disponibbili fil-mument tad-deċiżjoni, ir-riżultat kien ikun differenti.

**PRESKRIZZJONI**

Tajjeb jigi sottolinjat li fl-**Artikolu 80** insibu ritenut dan:

> *'…Iżda ċ-Chairperson Eżekuttiv jista' fir-rigward ta' kull permess għall-iżvilupp, inkluż kull awtorizzazzjoni maħruġa taħt xi Ordni wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, jibda proċeduri sabiex jirrevoka jew jimmodifika dak il-permess għall-iżvilupp, inkluż kull awtorizzazzjoni maħruġa mill-Bord tal-Ippjanar taħt xi Ordni, fi żmien ħames snin mid-data tal-ħruġ tal-permess għall-iżvilupp, inkluż xi awtorizzazzjoni maħruġa taħt xi Ordni.'*

Dan il-*proviso* huwa ċar kristall. Revoka tista' tintalab għal dawk il-permessi li nħarġu '*wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan l-Att'*, ossija l-4 ta' April 2016 *nonche'* fi żmien ħames snin minn mindu jkun inħareġ dak il-permess.

Dwar din it-tematika, il-Qorti ta' l-Appell diġa' kellha l-okkażjoni tesprimi ruħha wara li l-Awtorita', minkejja li dak iż-żmien l-**Artikolu 77** tal-**Kap 504** ukoll kien abbinat ma' permessi maħruġa '…*wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan l-Att*', deherilha li l-liġi ma timponi ebda terminu biex tapplika d-dettami tal-**Artikolu 77**. Dan kien il-kaz fl-ismijiet **Emanuel Mallia vs L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u**

**l-Ippjanar**[3]**.** Bi tweġiba għal dak li sostniet l-Awtorita', il-Qorti wieġbet b'dan il-mod:

> *'Jigi rilevat qabel xejn illi din l-ordni tal-Awtorita biex jinbeda l-process ta' modifika talpermess saret a bazi tal-artikolu 77 tal-Kap. 504. It-talba formali saret fit-18 ta' April 2013. Hu pacifiku illi dan il-permess inhareg qabel id-dhul fis-sehh tal-Kap. 504. Filfatt il-premess igib in-numru 4618/06. L-artikolu 77 tal-Kap. 504 jirreferi b'mod car u specifiku ghal process ta' modifika jew revoka ta' permess li nhareg wara d-dhul fis-sehh tal-Kap. 504. L-artikolu hu ghalhekk limitat biss ghal permessi b'data specifika ta' hrug u terminu perentorju ta' dekadenza li fih l-Awtorita tista' tiehu passi. Hi l-fehma tal-Qorti li l-legislatur wera b'mod car l-intenzjoni tieghu li ma hiex suxxettibbli ghal ebda interpretazzjoni b'mod li titqies tinkludi dak li mhux espressament inkluz mill-legislatur. Il-ligi ghandha tigi applikata u interpretata fil-parametri tat-termini taghha u fil-dawl tal-massima legali quod lex voluit lex dixit.'*

M'huwiex in diskussjoni għalhekk, li bl-istess raġunament, l-**Artikolu 80** japplika biss għal dawk il-permessi li nħarġu wara d-dħul fis-seħħ tal-**Kap 552**, ossija l-4 ta' April 2016.

Meta niġu, imbagħad, għat-test '*…fi żmien ħames snin mid-data tal-ħruġ tal-permess għall-iżvilupp',* il-ħames snin jibdew jgħoddu mid-data li nħareġ il-permess, irrispettivament jekk tali permess baqax validu *oltre* t-terminu ta' ħames snin.

## IL-LINJA FINA BEJN REVOKA U STĦARRIĠ MILL-ĠDID

Magħdud il-premess, nissottolinja li l-proċess kontemplat fl-**Artikolu 80** mhux wieħed ta' ftuħ mill-ġdid tal-proċess ta' stħarriġ ta' proposta ta' żvilupp. *Invece,* l-eżercizzju li għandha tagħmel l-Awtorita' meta quddiemha jkun hemm talba għal revoka ta' permess huwa li, abbażi tar-rekords li kellha l-istess Awtorita' quddiemha fil-ħin tad-deċiżjoni, tara jekk tali rekords kienux frodolenti (jiġifieri nformazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta li f'dak il-mument tad-deċiżjoni kienet falza)

[3] Ara sentenza fl-ismijiet **Emanuel Mallia vs L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Lulju, 2016 (**Ap12/16**)

jew addirittura jekk kien hemm xi nformazzjoni jew dikjarazzjoni jew pjanta li ma kinitx tirrifletti s-sitwazzjoni fuq is-sit jew jekk il-bord għamel żball huwa u jilħaq id-deċiżjoni u tali żball jista' jigi faċilment perċepit mid-dokumenti tal-proċedimenti tiegħu.

Wieħed m'għandu qatt, għalhekk, iħallat *"informazzjoni", "dikjarazzjoni"* jew "*pjanta inkorretta"* jew inkella *"żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument*" m'applikazzjoni skorretta ta' *policies. In poche parole*, applikazzjoni tal-liġi, pjan jew *policy* b'mod ħażin (inġust jew żbaljat) fil-konfront tal-fatti specie tal-każ ma jwassalx għal estremi tal-**Artikolu 80** sakemm ma jintweriex li l-applikazzjoni ħażina tal-liġi, pjan jew *policy* seħħet minħabba sottomissjoni t'informazzjoni , dikjarazzjonijiet, pjanti żbaljati jew żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument.

L-**Artikolu 80** m'huwiex, għalhekk, intiż sabiex jippermetti 'reviżjoni' kwantu għal jekk id-diskrezzjoni riżervata lill-Awtorita' fid-determinazzjoni ta' applikazzjoni għal żvilupp ġietx imħaddma kif suppost.

Il-kaz ta' **Dr Simon Busuttil vs L-Awtorita tal-Ippjanar (gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) u l-kjamat in kawza Pamela Cordina**[4] jispjega dan billi jgħinna nifmhu li diverġenza ta' opinjoni fuq il-*policies* applikabbli li jista' jkun hemm quddiem il-fatti mhux kontestati b'xi wieħed mill-kriterji ta' l-**Artikolu 80** minn min iddeċieda l-permess ma twassalx għal revoka.

F'dan il-każ, waħda mill-allegazzjonijiet ċentrali kienet li l-Kummissjoni ġiet infurmata illi l-estent tal-iżvilupp seta' jkun ta' 30 metru meta fil-fatt kellha tiġi preżentata b'informazzjoni korretta u *cioe'* li f'sit bħal dan, il-limitu tal-iżvilupp huwa ta' 25 metru u mhux aktar. *Ergo*, il-Kummissjoni ġiet indotta f'dan l-iżball u dderiġiet lill-applikant jirriduċi l-iżvilupp li ma jaċċedix it-tletin metru biex, b'hekk,

[4] Ara sentenza fl-ismijiet **Dr Simon Busuttil vs L-Awtorita tal-Ippjanar (gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) u l-kjamat in kawza Pamela Cordina** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Novembru, 2021 (**Ap14/21**)

inħareġ il-permess (dejjem skont l-appellant) frott ta' informazzjoni żbaljata u li ppreġudikat id-drittijiet tieghu billi saret invażjoni fi *green enclave* protetta bil-liġi. Busuttil iżid jgħid li l-**Artikolu 80** hu ntiż biex jindirizza informazzjoni żbaljata li twassal għal deċiżjoni żbaljata.

X'kienu, pero', l-osservazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell?

Żball jew informazzjoni skorretta mogħtija mill-*case officer* lill-Kummissjoni li nduċiha tasal għal deċiżjoni skorretta fil-ligi ma tammontax għal "*informazzjoni*", "*dikjarazzjoni*" jew "*pjanta inkorretta*" iżda *semai* parir ħażin li wassal għal applikazzjoni ħażina ta' *policies* għal fattispeċje partikolari tal-iżvilupp li, jista' jagħti l-każ, li, kif għidt, kienu applikati b'mod ħażin. Il-Qorti kompliet tghid li, *semai,* dak huwa aggravju li jsib komfort fi dritt ta' appell quddiem it-Tribunal u eventwalment appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fuq punt ta' liġi, jekk ikun ġiet applikata b'mod ħazin liġi, pjan jew *policy* u mhux il-proċedura tar-revoka. Wara kollox, il-Kummissjoni dejjem  hi fil-liberta' li timxi jew ma timxix skont jew kontra tali rapport wara li tisma l-partijiet interessati.



ROBERT MUSUMECI
avukat - perit

www.robertmusumeci.com